MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2005

Numru. 939/2002

Il-Pulizija
(Spettur Mario Bonnici)
vs
Dr Malcolm Pace, Ian Pace, Dr James Pace, u Francis Montebello

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati fuq imsemmija, li permezz taghhom huma gew akkuzati talli fil-kapacita taghhom bhala Operaturi, Sid u Kaptan rispetivament tal-lanca "San Carlos 1", nhar it-28 ta' Mejju 2002, ghall-habta tal-11.15a.m. bhala bnedmin responsabbli ta' dghajsa li ggorr il-passiggieri fl-ibhra territorjali u interni ta' Malta waqt li l-istes dghajsa li ggib l-isem ta' "San Carlos 1" u iggib in-numru 7276, kienet qed tigi operata matul l-ibhra tal-kosta ta' Tas-Sliema :
(a) uzaw dghajsa jew bastiment, cioe' "San Carlos 1" ghal jew b'konnessjoni ma xi negozju, kummerc, jew zjarat meta din id-dghajsa jew bastiment ma kenitx licenzjata kif

mehtieg mill-Awtorita Marittima ta’ Malta biex iggorr 78 passiggier u tlett membri tal-ekwipagg, b’total ta’ 81 persuna (art. 29(2)(a), Kap. 352);

(b) Barra minn hemm, naqsu li josservaw il-kondizzjonijiet specifikati fil-licenza mahruga mill-Awtorita Marittima ta’ Malta nhar it-28 ta’ Marzu 2002, ghal bastiment “San Carlos 1”, meta garrew numru ta’ persuni iktar milli permess fic-certifikat li jiccertifika l-kondizzjoni tajba tal-bastiment ghal fuq il-bahar, u b’hekk naqsu li josservaw il-kondizzjonijiet specifikati fil-licenza mahruga mill-Awtorita Marittima ta’ Malta ghall-imsemmi bastiment “San Carlos 1” (Reg 6, Regolament dwar bastimenti li jithaddmu mekkanikament (Passiggieri u Merkanzija);

(c) Lis-Sur Francis Montebello wahdu, talli sar recidiv meta hu kien diga instab hati u ikkundannat ta’ reati simili mill-Qorti tal-Appell ta’ Malta nhar it-3 ta’ Marzu 1995, liema sentenza ma tistax tigi mibdula jew imhassra;

(d) F’kaz ta’ htija, din il-Qorti hi mitluba biex tordna il-qbid ta’ l-imsemmi bastiment jew dghajsa ghal zmien ta’ mhux aktar minn xahar, bi spejjes tas-sid (Art. 319(7), Kap. 10);

Semghet lix-xhieda kollha illi gew prodotti inkluz l-erba’ imputati fuq imsemmija minn jeddhom u bil-gurament;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti, l-provi kollha li tressqu u l-atti kollha ta’ dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fit-28 ta’ Mejju tas-sena 2002 il-pulizija irceviet korrispondenza mill-Malta Maritime Authority fis-sens illi l-Port Officer tal-Malta Maritime Authority Saviour Vella kien ghamel spezzjoni fit-28 ta’ Mejju, 2002 ghall-habta tal-hdax u kwart ta’ filghodu fuq id-dghajsa bl-isem San Carlos 1 li kienet berthed fi Sliema Creek, Sliema. Illi irrizulta mill-imsemmi Saviour Vella li l-imsemmija dghajsa kienet qeghda igorr tmiena u sebghin passiggier u tlett membri tal-crew sabiex b’hekk kienet qed igorr total ta’ wiehed u tmenin persuna. Is-Sur Vella informa wkoll il-pulizija illi skond il-licenzja ta’ l-imsemmija

dghajsa li kienet mahruga mill-Malta Maritime Authority in-numri ta’ passiggieri li kellha permess igorr kien ta’ tmienja u sittin persuna u tnejn persuni bhala crew sabiex b’hekk setghet igorr it-total ta’ sebghin persuna. Il-Malta Maritime Authority ghalhekk talbet lill-pulizija sabiex jiehdu l-passi necessarji kif fil-fatt sar u inbdew il-proceduri odjerni.

Illi minn indagini illi ghamlet il-pulizija u minn informazzjoni li irceviet mill-Malta Maritime Authority irrizulta illi din id-dghajsa kienet tigi operata minn zewg kumpanniji separati. Ahda mill-kumpanniji hija sid ta’ din id-dghajsa u l-kumpannija l-ohra hija l-kumpannija li topera din id-dghajsa. Il-pulizija sussegwentement tkellmet ma Ian Pace u ma Dr James Pace, Dr Malcolm Pace u s-Sur Francis Montebello, l-imputati odjerni illi irrilaxxjaw il-verzjonijiet taghhom lill-pulizija. Illi l-Malta Maritime Authority ghaddiet lill-pulizija certifikat of seaworthiness rigwardanti d-dghajsa; liema certifikat jinsab esebit a fol 21 tal-process u minn dan ic-certifikat jirrizulta illi d-dghajsa San Carlos 1 tista igorr fil-perjodu ta’ bejn l-1 ta’ April u it-30 ta’ Settembru sitta u tmenin passiggier u zewg persuni tal-crew u fli-perjodu ta’ bejn l-1 ta’ Ottubru u il-31 ta’ Marzu tmienja u erbghin passiggier u zewg persuni tal-crew. Dan ic-certifikat inhareg fit-28 ta’ Marzu, 2002 u kien jibqa validu sal-15 ta’ Frar, 2003.

Illi gie ukoll prodott il-Boat Licence mahrug mill-Malta Maritime Authority fuq id-dghajsa San Carlos 1 mahrug fit-28 ta’ Marzu, 2002 u validu sas-27 ta’ Marzu, 2003 fis-sens illi mill-1 ta’ April sat-30 ta’ Settembru id-dghajsa San Carlos 1 setghet igorr tmienja u sittin passiggier u zewg pesuni tal-crew u bejn il-perjodu ta’ l-1 ta’ Ottubru u l-31 ta’ Marzu setghet igorr tmienja u erbghin passiggier u zewg membri tal-crew.

Illi xehed David Bugeja Deputy Harbour Master mal-Malta Maritime Authority u qal illifit-28 ta’ Mejju tal-2002 ghall-habta tal-ghaxra neqsin kwart ta’ filghodu ircieva telefonata fis-sens illi d-dghajsa San Carlos 1 kellha abbord passiggieri aktar milli suppost. Huwa baghat lil Saviour Vella biex jaghmel il-verifiki u irrizulta illi hekk

kien. Xi granet wara huwa kien talab lill-kaptan ta' din id-dghajsa biex jaghtih spjegazzjoni ta' dan il-fatt u l-kaptan kien gie quddiemu u kien anke kitiblu fis-sens illi skond hu ma kienx hemm passiggieri izjed milli suppost abbord. Is-Sur Bugeja kompla jixhed illi dawn l-affarijiet lilu jinkwetawh ghaliex jidhirlu li l-operatur u l-kaptan ma kellhomx sistema f'postha li permezz taghha setghu jivverifikaw in-numru ta' passiggieri u ta' nies illi jkollhom abbord bir-riperkussjonijiet kollha li din jista jkollha.

Illi xehed ukoll Saviour Vella, Marine Operator mal-Malta Maritime Authority u qal illi fid-data imsemmija kien sejjahlu l-kaptan Bugeja, kien qallu li kien dahal rapport u baghatu biex jivverifika kemm kien hemm passiggieri abbord id-dghajsa San Carlos 1. Ix-xhud mar Tas-Sliema u sab illi s-San Carlos 1 kellu fuqu tmienja u sebghin passiggier. Huwa irrapporta lill-Kaptan Bugeja kemm kien hemm passiggieri fuq din id-dghajsa. Huwa xehed ukoll illi crew members fuq id-dghajsa kien hemm tlieta. Saviour Vella xehed illi huwa ghadd il-passiggieri huma u nezlin mill-bastiment.

Illi rega' xehed Saviour Vella u qal illi d-data kienet it-28 ta' Mejju tas-sena 2002. Huwa kien mar fuq il-post u kien ra il-bastiment San Carlos 1 diehel mal-moll biex ihott il-passiggieri. Il-bastiment kien ghadu ma rabatx, kien ghadu diehel lejn l-art. Huwa ghadd il-passiggieri huma u nezlin u dana skond l-istruzzjonijiet illi kellu minghand l-Kaptan Bugeja. Huwa ghadd il-passiggieri fizikament. Huwa xehed illi passiggieri kien hemm tmienja u sebghin u membri tal-ekwipagg kien hemm tlieta. Meta lemah il-lanca kienet xi hamsin, sittin metru boghod mix-xatt u meta mar fuq il-post stenna xi ftit minuti, umbaghad ra illi l-lanca kienet xi hamsin, sittin metru 'il boghod mix-xatt. Huwa xehed illi jaf illi d-dghajsa kienet qeghda taghmel Harbour Cruise. Ix-xhud gharaf lill-kaptan bhala l-imputat Francis Montebello.

Illi xehed ukoll Richard Gabriele, Harbour Master mal-Malta Maritime Authority, u qal illi fit-28 ta' Mejju tas-sena 2002 l-Malta Maritime Authority kellha rapport illi kien hemm lanca mghobbija bil-passiggieri li kienet over

loaded. Intbaghat is-Sur Sunny Vella fuq il-post u sab illi persuni fuq il-lanca kien hemm wiehed u tmenin meta l-lanca kienet iccertifikata sabiex igorr massimu ta' sebghin persuna. Ix-xhud qal illi meta l-Malta Maritime Authority tohrog is-certificate of Seaworthiness bhalma gara f'dan il-kaz il-Malta Maritime Authority tkun qeghda ticcertifika illi dik l-lanca tista tghabbi dak l-ammont ta' passiggieri u dak l-ammont ta' crew. Apparti minn hekk tkun trid tigi sottomessa wkoll insurance policy u l-lanca tkun koperta biex igorr biss dak l-ammont ta' nies li jkun stipulat fic-certifikat. Wahda mill-affarijiet li hija minhabba safety specjalment tan-nies irid ikun hemm bizzejjed life saving equipment. Ix-xhud qal ukoll illi dak iz-zmien il-lanca kellha erbgha u sebghin life jackets tal-kbar u sitta tat-tfal, jigifieri meta jkun hemm aktar nies milli suppost awtomatikament ic-certifikat tas-seaworthiness jaqa' ghaliex dak il-hin kien hemm ammont ta' nies akbar milli l-bastiment kien iccertifikat biex jghabbi. Ix-xhud kompla jghid illi c-certifikat tas-seaworthiness ikopri hafna affarijiet fosthom in-numru ta' passiggieri abbord. Mhijiex biss kwistjoni ta' lifejackets izda anke ta' l-istability tal-lanca ghaliex in-numru ta' l-passiggieri ma johrog biss fuq l-area biss fuq l-area li jistghu jitghabbew imma anke fuq stability requirements fejn jekk per ezempju tghabbi n-nies fuq naha wahda li din ma tinqalibx. Jigifieri jista jkun li meta tkun overloaded dana l-istat ta' fatt jippregudika s-safety tal-lanca. Ix-xhud kompla jghid illi sabiex jizdied in-numru ta' l-passiggieri jrid jigi ipprezentat rapport iehor minn surveyor mill-Malta Maritime Authority sabiex jiggustifika ghalfejn l-owner ikun qieghed jitlob sabiex jizdiedu in-numru ta' passiggieri fuq dik il-lanca. Ix-xhud zied ighid illi meta jkun hemm overloading tinkiser wahda mill-kundizzjonijiet illi jkun hemm fuq il-licenzja u ghalhekk is-seaworthiness certificate ma jibqax validu. Ix-xhud ikkonferma l-letter to prosecute mahruga mill-Malta Maritime Authority u qal illi huwa awtorizza sabiex jikkonferma dawn id-dokumenti. Ix-xhud in kontro-ezami qal illi meta jinhareg seaworthiness certificate il-kriterju hu n-numru tal-passiggieri u mhux kemm jizen kull passiggier. Huwa xehed illi fiz-zmien in kwistjoni ma kienux jiehdu in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' certifikat il-piz tal-passiggieri, izda in-numru tal-passiggieri. Huwa

xehed ukoll illi ghalkemm hemm imnizzel fil-licenza tad-dghajsa in kwistjoni illi d-dghajsa sethet igorr hames telef mitejn u hamsin kilos fejn jidhol il-garr tal-passiggieri mhuwiex il-piz l-iktar kriterju importanti imma n-numru tal-passiggieri u dana minhabba s-safety ta' kull persuna individwali.

Illi gew esebiti mill-Ufficjal Prosekutur il-Memorandum and Articles of Association tas-socjeta' Ian Pace Limited kif ukoll dawk tas-socjeta' Alliance Cruises Limited.

Illi xehed Francis Montebello u qal illi huwa jahdem bhala kaptan mal-Alliance Cruises. Huwa xehed illi fit-28 ta' Mejju, 2002 kellu vjagg fid-disgha ta' filghodu u kien ghabba tfal ta' l-iskola li kienu taht l-eta ta' ghaxar snin. Kif irritorna Tas-Sliema bit-tfal nizzilhom u gie fuqu ufficjal tal-Malta Martiment Authority certu Sammy Vella u qallu illi kellu izjed passiggieri milli suppost. Is-Sur Montebello xehed illi qallu li dan ma kienx jafu u li b'kollox fuq il-lanca kienet sebghin ruh inkluz il-crew. Meta x-xhud gie ikkonfrontat max-xhieda tar-rapprezentant tal-Malta Maritime Authority li xehed illi huwa qaghad jghodd in-nies fizikament waqt illi rahom nizlin minn fuq il-lanca ix-xhud kompla jghid illi certament dakinhar ma kellux tmienja u sebghin passiggier ghaliex ghaddhom qabel telghu u ma waqqaf imkien iktar.

Illi xehed James Pace, Direttur tal-kumpannija Alliance Cruises Limited illi topera l-lanca San Carlos 1. Huwa xehed illi sid il-lanca huwa Ian u s-socjeta' hija Ian Pace Limited u huwa direttur tal-kumpannija. Huwa kompla jixhed illi dakinhar filghodu mar fuq l-post qabel ma telqet il-lanca, pero' ma qaghadx jghodd in-nies telghin fuq il-lanca fizikament. Pero' suppost illi l-crew ma kellux ikun ta' iktar minn sebghin ruh. Huwa xehed illi dan kien booking u kienu tfal u kienu studenti u fuq il-booking kien hemm imnizzel illi kellu jkun hemm tmienja u sittin passigier u crew dakinhar kien hemm tnejn. Huwa xehed illi bhala kilos il-bastiment setgha jghabbi hamest elef mitejn u hamsin kilo. Pero' qal illi fuqu ma kellux id-dokumenti relattivi ta' dak il-booking u ipprometta li jesebixxi d-dokumenti f'seduta ohra.

Illi xehed Ian Pace, Direttur tal-kumpannija Ian Pace Limited, sid ta' lanca u Direttur ukoll ta' Alliance Cruises li hija l-operatur ta' l-istess lanca. Huwa xehed illi fid-data in kwistjoni ma kienx abbord il-lanca, pero' jaf illi dakinhar kellhom vjagg ibbukkjat tat-tfal ta' l-iskola ta' taht l-ghaxar snin. Skond il-booking kellu jkun hemm tmienja u sittin ruh u crew dakinhar kellhom tnejn.

Illi xehed Dr Malcolm Pace, Direttur tas-socjeta' Alliance Cruises Limited u qal illi mhuwiex involut fid-day to day operations ta' din il-kumpannija u dakinhar in kwistjoni kien il-Qorti. Huwa xehed illi l-kumpannija dejjem hadet il-prekawzjonijiet kollha sabiex ma jigux accettati bookings ta' aktar minn numru stipulat fil-licenzja. Skond ix-xhud dakinhar skond il-booking ma kellux ikun hemm aktar minn sebghin ruh fuq il-lanca inkluz il-crew.

Illi giet esebita VAT reciept a fol. 156 tal-process illi fil-jum in kwistjoni kien hemm hamsa u sittin passiggier u tlett teachers sabiex b'hekk in-numru tal-passiggieri kien ta' tmienja u sittin passiggier.

Ikkunsidrat :

Illi l-unika persuna minn naha tal-Prosekuzzjoni illi marret fuq il-post u fizikament, skond hi, ghadded in-numru tal-passiggieri illi nizlu minn fuq il-bastiment San Carlos 1 kienet Saviour Vella, illi xehed illi ghadd il-passiggieri huma u nezlin minn fuq il-bastiment u sab illi passiggieri kien hemm tmienja u sebghin u membri tal-ekwipagg kien hemm tlieta.

Illi kuntrast ma' din ix-xhieda tas-Sur Saviour Vella hemm ix-xhieda ta' Francis Montebello, il-kaptan dakinhar tas-San Carlos 1 illi xehed illi dakinhar b'kollox fuq l-lanca kellu sebghin ruh, inkluz l-ekwipagg. Il-kaptan xehed illi dakinhar kien ghadd il-passiggieri ukoll fizikament huma u telghin fuq il-lanca. Lis-Sur Vella tal-Malta Maritime Authority rah fuq il-post, pero' ma jafx jekk qaghadx jghodd il-passiggieri jew le. Meta nizlu l-passiggieri kollha huwa gie fuqu u kellmu. Il-kaptan xehed illi dakinhar meta

s-Sur Vella qallu li kellu aktar passiggieri milli suppost huwa ikkontestaha u effettivament is-Sur Vella esebixxa kopja ta’ ittra illi huwa baghat lil Kaptan Bugeja tal-Malta Maritime Authority fejn iddikjara illi dakinhar ma kellux aktar minn sebghin passiggier fuq id-dghajsa.

Illi s-Sur James Pace xehed illi fuq l-bookings ta’ dakinhar kien hemm imnizzel illi kellu jkun hemm tmienja u sittin passiggier u ekwipagg dakinhar kien hemm tnejn. Is-Sur Ian Pace xehed illi dakinhar in kwistjoni ma kienx prezenti pero’ jaf illi kellhom vjagg ibbukkjat u li kellu jkun hemm fuq dan il-vjagg tmienja u sittin passiggier u zewg persuni bhala ekwipagg, jigifieri b’kollox sebghin ruh.

Illi xehed Dr Malcolm Pace u qal illi skond il-booking ta’ dakinhar ma kellux ikun hemm aktar minn sebghin ruh fuq il-lanca inkluz il-crew u fis-seduta ta’ wara Dr Malcolm Pace esebixxa bil-gurament tieghu kopja tal-VAT receipt tal-vjagg in kwistjoni illi jinsab esebit a fol 156 tal-process li juri illi dakinhar kien hemm cruise ghal studenti u kellu jkun hemm fuq dan il-cruise hamsa u sittin passiggier u tlett teachers, jigifieri b’kollox tmienja u sittin passiggier.

Ikkunsidrat :

Illi wara illi ezaminat il-provi kollha prodotti, l-Qorti ma wasslitx ghall-konvinciment morali illi l-imputati fuq imsemmija ikkommettew ir-reati fuq imsemmija u dana in vista tax-xhieda ta’ l-istess imputati u kif ukoll specjalment in vista tal-VAT receipt illi giet prodotta mill-imputat Dr Malcolm Pace.

Illi huwa minnu illi rapprezentant tal-Malta Maritime Authority ghadd il-passiggieri nezlin minn fuq il-lanca, izda il-kaptan tal-bastiment xehed bil-gurament tieghu illi huwa ghadd in-numru tal-passiggieri huma u telghin fuq il-bastiment.

Illi ghalhekk jirrizulta konflitt car ta’ provi, aktar u aktar in vista tad-dokument prodott minn Dr Malcolm Pace, il-VAT receipt imsemmija, illi tixhed illi dakinhar kien hemm

hamsa u sittin tfal ta’ l-iskola u tlett teachers u b’kollox kien hemm tmienja u sittin passiggier fuq il-bastiment.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tiddikjara illi l-Prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mill-Ligi l-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputati fuq imsemmija, u ghaldaqstant qeghda **tillibera** lill-imputati fuq imsemmija minn kull imputazzjoni, htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------